A.L. 188 ta' l-1993

ATT DWAR IL-KUMMERĊ BANKARJU
(KAP. 215)

Ordni ta' l-1993 dwar Rati ta' Mgħax fuq Self u Avvanzi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 22 ta' l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, il-Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali ta' Malta, għamel dan l-ordni li ġej:

Titol u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1993 dwar Rati ta' Mgħax fuq Self u Avvanzi.

(2) Dan l-ordni għandu jibda jseħħ fl-1 ta' Jannar, 1994.

L-oghla rata ta' mgħax fuq self u avvanzi denominati f'liri Maltin.

2. L-oghla rata ta' mgħax li l-banek kummerċjali jew istituzzjonijiet finanzjarji jistgħu jimponu fuq self u avvanzi denominati f'liri Maltin għandha tkun 3% aktar mir-rata minima ta' skont tal-Bank Ċentrali ta' Malta b'eċċezzjoni ta' dawk il-każijiet fejn is-self u l-avvanzi jingħataw għal finanzjament:

(a) ta' djar għall-lok fejn wieħed joqgħod hu stess sa l-ewwel Lm15,000, meta l-oghla rata ta' mgħax għandha tkun 1.5% aktar mir-rata minima ta' skont imsemmija, u

(b) in konnessjoni ma' żvilupp ta' proprjetà intiża għal bejgħ jew għal skopijiet spekulattivi u meta d-debitur ikun persuna mhux residenti, meta f'dawn il-każijiet ir-rata massima ta' mgħax għandha tkun 3.5% aktar mir-rata minima ta' skont imsemmija.

L-oghla rata ta' mgħax fuq self u avvanzi denominati fi flus barranin.

3. L-oghla rata ta' mgħax li banek kummerċjali jew istituzzjonijiet finanzjarji jistgħu jimponu fuq self u avvanzi denominati f'xi flus barranin dwar kull kategorija ta' self ma għandhiex teċċedi b'aktar minn 5% fis-sena lir-rata ta' mgħax inter-bankarja offruta f'Londra (LIBOR) prevalenti u applikabbli fiż-żmien ta' l-approvazzjoni tas-self jew avvanz u/jew f'dak iż-żmien/żminijiet oħra li jistgħu jiġu miftiehma bejn min isellef u min jissellef.

Ir-rati ta' mgħax jinkludu l-ispejjeż kollha.

4. Ir-rati ta' mgħax applikabbli skond l-artikli 2 u 3 ta' dan l-Ordni għandhom jinkludu kull ħlas ta' *management* u/jew ħlas amministrattiv ieħor, kummissjoni u kull spejjeż oħra, ikunu kif ikunu deskritti, li jiġu imposti fuq il-klijent fuq bażi regolari.

Direttivi u direzzjonijiet.

5. Il-Bank Ċentrali ta' Malta huwa b'dan mogħti s-setgħa li joħroġ dawk id-direttivi u d-direzzjonijiet li huwa jista' jqis li jkunu xierqa sabiex jingħata effett lid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Ordni.

Tħassir ta' l-A.L. 54 ta' l-1993.

6. Mingħajr preġudizzju għal kull ħaġa magħmula skond il-liġi jew imħollija barra milli ssir taħtha, l-Ordni ta' l-1993 dwar Rati ta' Mgħax fuq Self u Avvanzi pubblikat bl-Avviż Legai 54 ta' l-1993 huwa b'dan imħassar.